

Brussell, 11 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8695/26

ECOFIN 538
UEM 151
ECB
EIB

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar il-kundizzjonijiet tas-sħubija tal-Unjoni fil-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa – Adozzjoni

1. Fl-24 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar il-kundizzjonijiet tas-sħubija tal-Unjoni fil-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, kif tinsab fid-dokument ST 7686/26 + ADD 1. Il-bażijiet legali sostantivi huma l-Artikoli 175(3) u 212 TFUE, filwaqt li l-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni rakkomandata li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati tal-ftehim previst hija stabbilita fl-Artikolu 218(3) u (4) TFUE.
2. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji ddiskuta r-rakkomandazzjoni fil-laqgħat tiegħu tal-14 ta' April u t-28 ta' April 2026.
3. Fit-28 ta' April 2026, il-Presidenza ressqet test ta' kompromess li kien jinkludi emendi limitati għall-abbozz ta' Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjati mmirati lejn it-tisħiħ tad-drittijiet istituzzjonali tal-Kunsill matul in-negozjati, kif jinsab fid-dokument WK 5861/26.

4. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji approva t-test ta' kompromess tal-Prezidenza permezz ta' konsultazzjoni informali bil-miktub li ntemmet fit-30 ta' April 2026.
5. F'dan il-kuntest, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jikkonferma l-qbil dwar it-test u jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar il-kundizzjonijiet tas-sħubija tal-Unjoni fil-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, diġà rivedut mill-ġuristi lingwisti u li jinsab fid-dokument 8533/26, kif ukoll id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-ADD 1 ta' dan id-dokument.
